MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 530/2004/1

**Direttur Staff Development Organisation**

**vs**

**Carmel Grech**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jirrifondi s-somma ta' elfejn u erba' mitt Lira Maltin (Lm2400) stante li ma serviex lil Gvern ta' Malta ghal perjodu ta' hames snin mid-data tat-tmiem tal-kors fil-'Masters in Business Administration' u dan bi ksur tal-kondizzjoni numru

3 tal-kundizzjonijiet li jirregolaw l-Ghoti tal-Boroz ta' Studju u bi ksur ukoll tal-ftehim datat 21 t'Ottubru 1998 u dan billi l-konvenut rrizenja mis-Servizz Pubbliku fis-26 ta'Frar 2001.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 20 t'April 2004 u bl-imghax inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 t'April 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 13 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Il-ftehim de quo huwa 'in restraint of trade' u ghalhekk null;
2. Minghajr pregudizzju ghal ewwel eccezzjoni, l-eccipjent baqa' jippresta s-servizzi tieghu lill-Gvern kif mahsub fil-ftehim minnu ffirmat fil-21 ta' Ottubru, 1998.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, specjalment fol 17 tal-process.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jidher li l-fatti in esami huma s-segwenti:-

a) Raymond Micallef, l-Assistant Direttur mal-attur (fol 18 et seq ibid) spjega' illi l-konvenut kien addett mad-Dipartiment tas-Sanita u kien iffirma ftehim mal-Gvern sabiex jkun jista' jattendi kors fl-Universita ta' Malta biex jkun jista' jottjeni "degree" ta' "Master" f"Business Administration" (Dwar l-accettazzjoni u dokumenti relattivi ara fol 23, fol 24 u fol 25 tal-istess atti). L-istess konvenut, kif jidher mid-dokument a fol 23 kien iffirma "Form of Undertaking u minnu jidher li l-konvenut kien

obbliga ruhu li jservi l-Gvern ta’ Malta ghall-perjodu ta’ hames (5) snin mid-data li huwa jittermina, b’success l-imsemmi kors. Inoltre hu kien accetta ukoll illi l-“sponsorship” relattiv kien qed jinghata lilu a bazi tar-regoli kollha relattivi ghall-ghoti ta’ boroz ta’ studju, liema regolamenti gew ukoll iffirmati mill-konvenut. (Dwar l-istess regolamenti ara fol 26 u fol 27 ibid b’mod specjali r-regolamenti numru tlieta (3). Il-kors li attenda ghalih il-konvenut kellu durata ta’ tlett (3) snin u hu spiccah. Wara li x-xhud spjega kif kien jithallsu l-kontijiet dovuti lill-Universita (ara fol 29 sa fol 33 ibid) ix-xhud spjega illi l-Ufficju tal-Prim Ministru kien gie informat illi l-konvenut, b’effett mis-26 ta’ Frar 2001, kien irrizenja mill-impjieg tieghu mad-Dipartiment tas-Sahha bhala Spettur Sanitarju Principali. Dwar dan ix-xhud qal testwalment “Qabel ma spicca l-kors il-konvenut … (gejt informat) … illi l-konvenut kien irrizenja minn mal-Gvern”. Minhabba dan, il-konvenut (ara fol 35 ibid) kien gie mitlub jirrifondi l-ispejjes kollha ammontanti ghal Lm2400 imhallsin lill-Universita’ ghal sitt (6) semestri tal-kors imsemmi u dan peress “… you have failed to serve the Government of Malta for a period of five (5) years”. In kontroesami, ix-xhud spjega illi l-attur kien ftiehim illi “… l-konvenut kien irrizenja minn mal-Gvern u mhix semplicement mis-Sanita bhala Principal Health Inspector”.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (Fol 45 et seq ibid) spjega in rigward il-premess , illi kien “senior manager” stazzjonat mas-sezzjoni tal-infurzar mal-Awtorita Maltija tat-Turizmu kif regolata mill-Att imsejjah “Malta Travel and Tourism Services Act” tal-1999 ossija l-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hu semma’ b’mod specifiku l-artikolu 15 ta’ din il-Ligi (ara fol 48) fejn jinghad kull ufficjali jew impjegat ta’ din l-Awtorita’ ghandu jigi konsiderat u trattat bhal fil-kaz tieghu, “ufficjal pubbliku” ghal dak li jirrigwarda

kull ligi ta’ natura kriminali ossija penali. Inoltre ghamel referenza ghall-artikolu 5(2) u (3) tal-istess ligi (ara fol 47 ibid) dwar id-dover u dmir tal-istess Awtorita’ sabiex, fil-qadi tal-funzjonijiet taghha, hi ghandha ssegwi il-“policies” u pjanijiet tal-Gvern kif ukoll li tista’ taghmel investimenti approvati dejjem mill-Gvern u li hi obbligata meta hu possibbli, li tagixxi konformament mad-direttivi moghtija lilha mill-istess Gvern. Inoltre l-Awtorita’ tircievi l-fondi taghha minghand il-Gvern, u l-flejjes migbura minnha mill-hlas ta’ licenzji jmorru , kollha kemm huma ghand il-Gvern.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti, jirrisulta bhala fatt illi l-konvenut ma’ kienx irrizenja mill-impjieg tieghu mal-Gvern izda kien halla l-impjeg tieghu bhala Spettur Sanitarju Principali mad-Dipartiment tas-Sahha u kien beda’ jahdem mal-Awtorita’ Malta tat-Turizmu, kif istitwita bil-Kapitolu 409 hawn fuq citat.

Illi din l-Awtorita’, fil-funzjonijiet taghha ghandha certa awtonomija mill-Gvern, Pero tali awtonomija hi llimitata billi:-

a) Hi ghandha tadotta u ssegwi l-“policies” u pjanijiet tal-istess Gvern.
b) Kull investiment li taghmel hu soggett ghall-approvazzjoni tal-Ministru tat-Turizmu.
c) L-istess Ministru jista’ jaghti, bil-miktub, direttivi in konnessjoni mal-“policies” u pjanijiet tal-Gvern li ghandhom jkunu segwiti mill-istess Awtorita’, meta pratikabbli.
d) L-Awtorita’ hi finanzjata mill-istess Gvern, minn fondi pubblici. Dawn huma kollha hemm huma karatteristici ta’ Korporazzjoni Pubblika.

Illi, a bazi tal-istess ftehim bejn il-Gvern u l-konvenut, kif hemm fuq citat jigi sottolineat illi l-konvenut kien obbliga ruhu illi, fit-terminazzjoni tal-

kors, jkompli jservi l-Gvern ghall-perjodu ta' hames snin minghajr ma giet limitata din l-obbligazzjoni ghad-Dipartiment fejn kien qed jservi l-istess konvenut. Difatti jidher li l-konvenut kien , ghalhekk, intitolat jirrizenja mid-Dipartiment li mieghu kien impjegat.

Illi, l-konvenut impjega ruhhu mal-Awtorita' msemmija li fis-sustanza kif di gja nghad, hi Korporazzjoni Pubblika soggetta, fl-awtonomija taghha, ghal Gvern centrali kif hemm fuq gie specifikat. Konsegwentment u fis-sustanza, hi l-fehma tal-Qorti, illi l-konvenut kompla jservi il-Gvern permezz tal-impjieg tieghu ma' enti pubbliku.

Illi ghandu jerga' jissemma' in sostenn ta' dan illi, ghall-iskop ta' ligijiet ta' natura penali, l-impjegati kollha tal-istess Awtorita ghandhom jigu konsiderati u trattati bhala ufficjali pubblici. Ta min isemmi illi, fl-istess ligi li waqqfet din l-Awtorita, jinghad illi kull Ufficjal Pubbliku li jaccetta li jkun impjegat permanentament maghha jieqaf milli jkun fis-servizz tal-Gvern, Pero din il-klawsola (Art 6(3) u (4) ibid) hi limitata, biss, ghal ex-impjegati tad-Dipartiment tat-Turizmu. Difatti l-istess artikolu 6 subinciz 4 citat jkompli jghid illi ghall-finijiet biss tal-imsemmijin Ordinanza dwar il-Pensjoijiet u l-Att dwar il-Pensonijiet lil Nisa Romol u Tfal (Kapitolu 93 u 58 tal-Ligijiet ta' Malta), persuna li tkun ufficjal publiku u jkun qed jwettaq dmirijiet mad-diparitment tat-Turizmu u li lilha jigi offrut impjieg mal-Awtorita' ghandha titqies, li limitatament ghal dawn il-kazijiet, bhala li temmet is-servizz taghha mal-Gvern. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti, jfisser li persuna li tkun qed twettaq id-dmirijiet taghha, ma' dipartiment iehor tal-Gvern, u li timpjega ruhha mal-istess Awtorita' ghandha titqies bhala wahda li ma temmietx is-servizz taghha mal-Gvern (ara ukoll, ghal kull bon fini, il-proviso ghall-istess subinciz (4) u s-subinciz (5) dwar klassifikazzjoni).

> Illi in rigward l-applikabilita’ tal-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti tara li dan l-artikolu, specjalment is-subinciz (3) tieghu, ma jeskludiex lill-konvenut milli jigi u jkun konsiderat bhala “ufficjal publiku jew impjegat fis-servizz pubbliku”.
>
> Ikkunsidrat
>
> Illi, dan premess, kollox jindika illi l-konvenut ghandu jigi konsiderat bhala impjegat u ufficjal pubbliku u ghalhekk ma kisirx l-ispirtu u s-sustanza tal-kondizzjoni numru tlieta (3) hawn fuq imsemmija u citata fl-avviz in esami.
>
> Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici. In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

L-obbjezzjonijiet ta’ l-attur kontra din is-sentenza huma koncepiti bil-mod infraskritt:-

1. L-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta ddeterminat illi l-konvenut, nonostante r-rizenja tieghu mis-Servizz Pubbliku u l-konsegwenzjali mpjieg tieghu ma’ l-Awtorita` tat-Turizmu ta’ Malta, kien xorta wahda meqjus bhala ufficcjal pubbliku li baqa’ jippresta servizz lill-Gvern ta’ Malta;

2. Komplimentari ghal dan, l-ewwel Qorti zbaljat meta naqset milli tiehu konjizzjoni tal-fatt illi l-konvenut temm is-servizz tieghu minn mal-Gvern, u li bir-rizenja tieghu hu gie li kiser il-kondizzjonijiet tal-Borza ta’ Studju u r-rapport lavorattiv li kellu mal-Gvern;

Hu espedjenti li jigu qabel xejn rikapitolati l-fatti essenzjali li taw lok ghal kontestazzjoni:-

(1) Il-konvenut gie approvat li jikkonsegwi kors universitarju li jwassal ghal Masters Degree in Business Administration. Dan il-kors kien ser ikun sponsorizzat

mill-Gvern.  Ara ittra ta' l-attur datata 29 ta' Lulju, 1998 a fol. 22;

(2)  In konsegwenza ghal din l-approvazzjoni l-konvenut iffirma "Form of Undertaking" (fol. 28) li *inter alia,* kienet tipprovdi li l-konvenut firmatarju taghha kellu jservi lill-Gvern ta' Malta ghal perijodu ta' hames (5) snin b'effett mit-temm b'success tal-kors;

(3)  Gara li b'effett mis-26 ta' Frar, 2002 il-konvenut temm il-kariga tieghu ta' Principal Health Inspector (ara fol. 34), u dahal fl-impjieg ma' l-Awtorita`. Konsegwentement, l-attur ippretenda li l-konvenut kiser il-kondizzjoni ta' l-*undertaking* u ghadda biex esiga minghandu r-rimbors tal-hlasijiet li saru lill-Universita`;

Il-Kapitolu 409 relattiv ghall-Att dwar is-Servizzi ta' l-Ippjanar u tat-Turizmu ghal Malta jipprovdi fl-Artikolu 3 (1) tieghu ghat-twaqqif ta' l-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta bil-membri rapprezentattivi taghha mahtura mill-Ministru responsabbli ghat-Turizmu.  Ukoll skond l-istess Kapitolu hu prevvist illi fit-twettieq tal-funzjonijiet taghha l-Awtorita` ghandha tadotta u ssegwi l-politika u l-pjanijiet tal-Gvern, taghmel dawk l-investimenti okkorrenti ghall-avvanz tat-turizmu f'Malta skond kif japprova l-Ministru, u ssegwi d-direttivi li jaghtiha l-istess Ministru.  Ara Artikolu 5.  Huwa mahsub imbaghad bl-Artikolu 7 illi l-finanzjament ta' l-Awtorita` hu provvdut mill-Gvern taht il-Fond Konsolidat u l-kontijiet taghha verifikati mill-Awditur Generali (Artikolu 8).  Ghal dak li hu rilevanti f'materja ta' mpjiegi ta' ufficjali hu provvdut bl-Artikolu 6 li kull ufficcjal pubbliku li jacetta mpjieg ma' l-Awtorita` jitqies li temm milli jkun fis-servizz tal-Gvern u jidhol fis-servizz ta' l-Awtorita`, b'dana li ghal finijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u ta' l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema s-servizz ma' l-Awtorita` jitqies daqslikieku servizz mal-Gvern skond it-tifsira relattiva.  Rilevanti wkoll li jissemma illi l-karigi u l-gradi salarjali ta' l-Awtorita` ghandhom ikunu f'korrispondenza mal-klassifikazzjoni korrispondenti fis-servizz tal-Gvern ta' Malta b'referenza ghad-deskrizzjoni tal-kariga, hila fis-sengha, responsabilita` u fatturi ohra

konsimili [subinciz (5) ta’ l-Artikolu 6]. Finalment, importanti li jigi denotat illi skond l-Artikolu 15 ta’ l-Att imsemmi, il-membri u kull ufficcjal u impjegat ta’ l-Awtorita` ghandhom ghal finijiet penali taht il-Kodici Kriminali jitqiesu, u jigu trattati, bhallikieku kienu ufficcjali pubblici;

Meta wiehed jiddistilla s-sottomissjonijiet estensivi ta’ l-attur appellanti jsib fil-konkret illi skond l-interpretazzjoni tieghu l-konvenut, bl-impjieg tieghu ma’ l-Awtorita` tat-Turizmu ma setax jibqa’ jitqies bhala ufficcjal pubbliku fis-servizz tal-Gvern u dan igib li kiser il-kondizzjoni ta’ l-Undertaking relattiva ghal Borza ta’ Studju u, tali, taghmlu passibbli li jirrifondi lura l-flejjes li l-Gvern hallaslu biex jattendi l-kors;

Hemm qbil li l-“Form of Undertaking” sottoskritt mill-konvenut kellu b’oggett specifiku, u fl-interess tal-Gvern sponsorizzanti, il-patt ta’ adempiment da parti tal-konvenut mal-kondizzjoni li ghal perijodu taz-zmien preskritt huwa jservi lill-Gvern ta’ Malta. Indubbjament, il-konfigurabilita` ta’ dik il-kondizzjoni kienet intiza biex ikun assigurat dan l-adempiment. Hi din il-kondizzjoni li l-attur jinsisti dwarha u li inducietu jinvoka t-tutela tal-Qorti ghal konsegwiment tar-rifuzjoni tal-flejjes minnu mitluba bl-Avviz. Il-kwesjtoni hi wahda ta’ interpretazzjoni tal-fatti u tal-principji tad-dritt applikabbli. L-ewwel Qorti ghamlet il-gudizzju taghha u sabet li l-fatt kostitutiv tad-dritt migjub mill-attur ghab-bazi tat-talba tieghu ma kienx attendibbli. Huwa dan l-apprezzament li issa l-appellanti jiccensura f’din is-sede;

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-aggravji fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza appellata u hi tal-fehma illi l-ewwel Qorti korrettament u sewwa apprezzat il-punti tad-dritt, u in kwantu tali, il-motivazzjoni taghha hi logika u kongruwa. Anzi fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghal konkluzjoni

diversa minn dik li waslet ghaliha. Fil-kuntest il-Qorti taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) Kif inhu saput l-Amministrazzjoni Pubblika ma titmexxiex *sic et simpliciter* mic-Civil izda wkoll minn korpi u organizzazzjonijiet varji appozitament krejati fi hdan dik l-istess Amministrazzjoni, kif regolati minn ligijiet specjali. Hu difatti sew notorju illi dawn l-istess korpi u awtoritajiet amministrattivi fid-diversi setturi ta' l-ekonomija pubblika jikkomponu l-komplessita` ta' l-Istat modern. Fil-hsieb ta' din il-Qorti l-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta hi wahda minn dawn. Dan jixhduh sew id-diversi disposizzjonijiet tal-Kapitolu 409 riprodotti aktar 'il fuq;

(2) Effettivament, il-Qorti ma ssib xejn anomalu illi l-prestazzjonijiet mill-konvenut, anke jekk ma' l-Awtorita` msemmija, iservu huma wkoll lill-interessi tal-Gvern ta' Malta skond kif mill-Undertaking pretiz. Mhux bilfors li dak l-interess kellu jkun wiehed fil-kontinwita` tas-servizz fic-Civil, kif hekk donnu jargomenta mill-appellanti. Fic-cirkustanzi maghrufa, u dawk tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi specjali, ma kellux jigi pretiz dik l-ezattezza rigida u inflessibbli ghax l-importanti jibqa' jekk il-kondizzjoni mahsuba bl-Undertaking gietx ottemperata mill-appellat u jekk dan ezegwix, fedelment u integralment, is-sustanza u l-ispirtu taghha tramite l-impjieg tieghu ma' l-Awtorita`;

(3) Fil-kumpless, mhux difficli li jkun intravvedut mill-Kapitolu 409 illi l-Awtorita` hi dipendenti ghal kollox mill-finanzjament pubbliku u assoggettata ghad-direttivi u l-iskrutinju tal-Gvern permezz tal-Ministru tieghu, sija jekk tat-Turizmu jew tal-Finanzi. Mhux lanqas difficli li jigi accertat illi l-impjegati ta' l-istess Awtorita` jithallsu minn dawn l-istess fondi pubblici kif hekk mahsub ukoll ghall-ezekuzzjoni tal-funzjonijiet generali taghha;

(4) Ragonevolment, il-kliem "fis-servizz tal-Gvern" ma ghandux, fiz-zmenijiet tal-lum, jinghataw l-interpretazzjoni rigida ta' impjieg bilfors fic-Civil ghaliex il-"Gvern" ma jikkonsistix biss mic-Civil izda wkoll mill-komponenti u l-entitajiet l-ohra kollha formanti l-Amministrazzjoni Pubblika sakemm dawn ma jigux

privatizzati, jew, mil-ligi kostitwenti, konsiderati awtonomi u indipendenti mill-Gvern, li mhux il-kaz hawnhekk;

(5) Fl-ahharnett, il-Qorti tiddubita kemm ghandha validita` l-proposizzjoni illi l-konvenut ghandu jkun meqjus bhala ufficcjal pubbliku limitatament ghal finijiet kriminali izda mhux ukoll, f'dik l-istess veste, ghall-iskop ta' l-obbligazzjonijiet u d-drittijiet civili u kontrattwali ta' l-impjieg tieghu, altament ukoll wiehed pubbliku;

Minn dan kollu ikkonsidrat il-Qorti tara hafna sens fir-ragonament ta' l-ewwel Qorti illi fis-sustanza l-konvenut issokta jservi l-Gvern permezz ta' l-impjieg tieghu ma' enti pubblika.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra dedotti mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma l-istess sentenza, bl-ispejjez a karigu ta' l-attur appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------